MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 214/2008/1

**Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcjari ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Sea Malta Company Limited**

**vs**

**Gollcher Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma tat mint elef sitt mija u tletin euro u tnejn u tmenin euro centezmu (€8634.82) rapprezentanti bilanc dovut fuq somma

akbar bhala prezz ta' servizzi ta' garr u servizzi ohra rezi lilha mis-socjeta attrici u dan kif jirrizulta minn rendikont kopja ta' liema qieghda esebita u markata bl-ittra 'A'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali datata sitta (6) ta' Frar 2007 annessa w immarkata bhala Dok. 'B' u bl-imghax legali kontra l-kumpanija konvenuta li hija ngunta fimkien mar-rapprezentanti taghha ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2008 fejn esponiet is-segwenti:-

Illi 'n linea preliminari d-dekadenza a tenur tal-artikolu 544(a) u/jew 544(e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz gie pacut *ipso jure* m'ammont talvolta dovut mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

Illi nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2008 xehed **Joseph Bugeja** prodott mis-socjeta attrici fejn ikkonferma li qabel ma s-socjeta attrici dahlet fl-istralc huwa kien jokkupa l-kariga ta' General Manager tas-Sea Malta Company Limited, w illum il-gurnata kien jokkupa l-kariga li jassisti l-istralcarju fil-process tal-likwidazzjoni tal-istess socjeta attrici.

Mistoqsi jghid x'relazzjoni kellha is-socjeta attrici mas-socjeta konvenuta jghid li s-socjeta konvenuta kienet tixtri servizz ta' garr ta' merkanzija minghandha. Qal li s-sistema tal-hlas kienet wahda li l-hlas kien isir wara kull *shipment*, billi s-socjeta attrici kienet tohrog *invoice* lis-socjeta konvenuta. Bejn is-socjetajiet kien hemm *current account* u l-pagamenti kienu isiru wara

certu zmien. Jikkonferma li s-socjeta attrici kienet tithallas perjodikament u mhux ghal kull transazzjoni *per se*.

Muri d-dokument esebit a fol. 6. ix-xhud ighid li huwa minnu li s-socjeta konvenuta kellha thallas lis-socjeta attrici dik is-somma ndikata fl-*invoice* pero minn dakinhar is-socjeta konvenuta hallset parti u li llum ghad fadal il-bilanc imsemmi u rikjest fl-avviz. Stqarr li l-ammont mitlub jirrapprezenta l-ispejjez ta' garr ta' merkanzija. Qal li llum il-gurnata r-*records* tal-kumpanija gew kollha traslokati u hemm biss l-i*statements*.

Rat in-nota tal-atturi nomine li biha esebew ittra bonarja datata tlettax (13) ta' Frar 2007 mibghuta lil konsulent legali tas-socjeta attrici mill-konsulent legali tas-socjeta konvenuta. Dan id-dokument fil-fatt gie mmarkat bhala Dok. 'Y'.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri qed issir talba sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ndikata fl-avviz rapprezentanti spejjez inkorsi ghal garr tal-merkanzija taghha tul il-perjodu Awwissu 2005 sa Dicembru ta' l-istess sena.
Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artikoli 544 (a) u 544 (e) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ghaddiet aktar minn sena minn meta nghata s-servizz.

**L-Artikolu 544 (a) u (e) tal-Kap 13** imsemmija mis-socjeta konvenuta jipprovdi s-segwenti:-

*"L-azzjonijiet li gejjin jaqghu bil-preskrizzjoni kif sejjer jinghad hawn taht:*

*(a) kull azzjoni ghall-hlas ta' nol, sena wara li jispicca l- vjagg.*

*(e) kull azzjoni ghall-kunsinna ta' merkanzija, wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment."*

Illi ghalhekk din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni dwar id-dekadenza.

Kif tajjeb gie imfakkar fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tnejn (2) t'Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Anthony Sammut Vs Joseph u Grace Peeters** l-artikolu 541 tal-Kap 13 jghid hekk:-

*"Iz-zminijiet kollha stabbiliti bid-disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali, huma perentorji; u l-beneficcju tar-restitutioin integrum bis-sahha ta' titolu, motiv jew privilegg li jkun, ma jghoddx."*

Dan l-artikolu dejjem qajjem certa ncertezza dwar jekk l-perjodu ta' sena imsemmi fl-artikolu 544 ghandux jigi kunsidrat bhala terminu ta' preskrizzjoni u kwindi bid-dritt t'interruzzjoni ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kap 16, kif qed isostni l-attur; jew jekk dan it-terminu huwiex wiehed ta' dekadenza b'mod li d-dritt ta' l-azzjoni jintilef kemm 'l darba din ma tigix istitwita entro dak il-perjodu, kif qed isostnu l-konvenuti.

Id-difensuri tal-kontendenti ghamlu sottomissjonijiet akkurati u bazati fuq gurisprudenza tal-qrati taghna li pero, jservu biex aktar jenfasizzaw id-disgwid li holqot il-kelma "*preskrizzjoni*" fl-artikolu 542 tal-Kap 13.

Din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet verbali tal-kontendenti u tas-sentenzi citati, hija tal-fehma li l-opinjoni espressa mill-Qorti ta' prima istanza fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Petroni noe vs Joseph Zahra",** kif sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell

Inferjuri fis-sebgha (7) ta' Dicembru 1997 hija dik korretta.

Kif sewwa osservat l-Qorti tal-Appell "*Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-Artikoli ta' wara l-***art. 633 (541***) jsemmi "preskrizzjoni" din, minhabba l-art.* ***633 (541***) *titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun hlief dekadenza, altriment kif osservat anke l-ewwel Qorti, l-art. 633 (541) jsir ghal kollox inutili, w interpretazzjoni li twassal ghas-superfuwita' ghandha tigi evitata."*

Preskrizzjoni hija definita fl-iStandard Dictionary (Funk & Wagnalls) bhala "*a mode of acquiring title to property founded on uninterrupted possess; a mode of losing aright or title by failure to assert it within a given time;"* jew ahjar "*the period after which a neglected right or title cannot be asserted."*

L-ewwel kuncett, u cioe d-dritt ta' akkwist ta' proprjeta' bid-dekors taz-zmien jsieb li zvogg tieghu fis-**subinciz (1) ta' l-artikolu 2107** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad li l-preskrizzjoni *"hija mod ta'akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur,pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghal zmien* (sottolinear tal-Qorti) *li tghid il-ligi."*

Mentri fis-subinciz (2) tal-istess artikolu hemm rifless it-tieni aspett tal-preskrizzjoni u cioe meta din isservi bhala "*mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien* (sottolinear tal-Qorti) *li tghid il-ligi."*

Biex wiehed jakkwista dritt jew jitlef xi iehor, jehtieg it-trapass taz-zmien li tistbilixxi l-ligi f'kull kaz partikolari. Dan huwa l-hekk imsejjah "*perjodu preskrittiv."*

It-**Titolu XXV** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-istitut tal-preskrizzjoni jelenka d-diversi

perjodi preskrittivi applikabbli ghall-cirkostanzi specjali. Bhal per ezempju nsibu l-preskrizzjonijiet ta' ghaxar snin, u ta' tletin u erbghin sena. Kif ukoll insibu dawk il-preskrizzjonijiet il-qosra fejn l-azzjoni taqa' bid-dekors ta' perjodi ta' sena, tmintax-il xahar, sentejn u hames snin. L-istitut tal-preskrizzjoni ghalhekk ma huwa xejn aktar hlief r-rizultat ta' ezercizzju maghmul mil-legislatur bil-ghan li jiddetermina darba ghal dejjem dawk id-drittijiet li qabel id-dekors taz-zmien jkunu incerti jew li jillibera d-debitur minn kull theddid ta' azzjoni wara t-trapass taz-zmien.

Fit-**Titolu XXV** imbaghad insibu l-mod kif dan il-perjodu preskrittiv jista' jigi sospizz jew interrot biex b'hekk jew dak il-perjodu ma jibdiex jidekorri jew jerga jibda mixi mil-gdid kemm il-darba jkun hemm ksur tal-perjodu ta' preskrizzjoni. Izda fl-istess titolu ma hemm xejn li jitkellem dwar "*termini ta' dekadenza"* jew "*perentorjeta'*" tal-perjodi ta' preskrizzjoni hemm imsemmija. Dawn it-termini jirrizultaw minn partijiet ohra tal-ligi nostrana fejn il-legislatur ried li dak il-perjodu stabbilit biex ssir xi haga "*cioe il-perjodu preskrittiv*", jkun definiti b'mod li dan la jkun sospiz u lanqas ma jista' jigi interrott. Bhal per ezempju t-terminu ghall-appell minn sentenza tal-Prim Awla (**Art. 251 Kap 12**), it-termini ghal talba ghar-ritrattazzjoni (Art. 819 Kap 12), jew ukoll t-terminu moghti lill-konjugi biex jattakka l-validita' ta' att maghmul mill-konjugi l-iehor (**art. 1326 Kap 16**), u kazi ohra simili.

It-**Titolu I tat-Taqsima IV tal-Kap 13** tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem "*Fuq il-preskrizzjoni u fuq ir-ragunijiet li ghalihom m'hemmx jedd ta' azzjoni f'xi hwejjeg kummercjali."* Skond it-tezi attrici fil-kaz odjern wiehed ghandu jifhem li l-uzu tal-kelma "*preskrizzjoni"* fil-preambolu ghall-artikoli **541 sa 546** jissoggetta dak kollu li hemm provdut ghall-provedimenti tat-Titolu XXV tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod li kull terminu hemm stabbilit huwa

wiehed preskrittiv u cioe jista' jkun sospizz jew interrot. Dan pero' ma jidhirx li hu l-kaz billi l-ewwel artikolu tat-Titolu I tat-Taqsima **IV tal-Kap 13** ma jhalli ebda dubbju x'ried il-legislatur.

Infatti huwa hemm dikjarat, bla ebda dubbju ta' xejn, li *z-zmienijiet kollha stabbiliti b'disposizzjoni ta' danil-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercali,**huma perentorji*** ....." Isegwi li l-azzjonijiet li jirrigwardaw "*operazzjoni dwar kambjali"* li, skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, huma atti ta' Kummerc, ma jistghux hlief jintlaqtu bit-terminu "*perentorju"* ossia "*ta' dekandenza"* u l-kelma "preskrizzjoni" wzata fl-artikolu 542 tal-Kap 13, hija biss intiza biex tindika t-terminu li fih ghandha tingieb l-azzjoni.

Issa f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta eccepiet d-dekadenza ai termini ta' zewg sub artikoli (a) u (e) tal-Artikolu 544 tal-Kap 13. Minn ezami ta' dawm l-istess sub artikoli fuq imsemmija jirrizulta li is-sub artikolu (a) m'ghandu x'jaqsam xejn mat-talba attrici li zgur ma tirrigwardax *hlas ta' nol w ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tikkummenta ulterjorment f'dan ir-rigward. Izda dwar is-sub artikolu l-iehor u cioe dak indikat bl-ittra (e) u cioe l-azzjoni ghall-kunsinna ta' merkanzija, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici tinkwadra ruhha proprju f'dan is-sub inciz molto piu fid-dawl ta' dak li xehed Joseph Bugeja li qal li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici jirrapprezenta spejjez ta' garr ta merkanzija.*

Issa minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta li dan l-ammont ta' flus indikati fl-avviz kienu jirapprezentaw it-talbiet t'*invoices* ghal perjodu mill-hdax (11) t'Awwissu 2005 sas-sebgha (7) ta' Dicembru 2005.

Illi din il-kawza giet prezentata fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2008 w ghalhekk hafna aktar minn

sentejn wara u konsegwentement it-talba attrici hija perenta.

L-avukat difensur tas-socjeta attrici stqarr fit-trattazzjoni verbali tieghu li l-kont li kellu l-konvenut mas-socjeta attrici kien wiehed maghruf bhala kont kurrenti w ghalhekk dak sottomess mill-istess konvenut, ma japplikax.

Illi pero jinghad *ab initio* li dan ma jirrizultax mill-provi prodotti stante li f'dawn l-atti hemm biss l-*invoice* esebita li tindika l-hlasijiet li ma sarux u proprju dawk mitluba fir-rikors promotur. In oltre Joseph Bugeja ighid li is-socjeta konvenuta kienet taghmel hlas wara kull *shipment* skond l-*invoice* li tircievi, ghalkemm dawn l-*invoices* kienu jittnizlu fil-kont tal-istess socjeta attrici.

Illi mill fuq espost, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hija gustifikata billi l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 544(e) tal-Kap 13, stante d-dekors taz-zmien utili ghall-presentata tac-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u konsegwentement tichad it-talbiet attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine."

L-atturi *nomine* appellaw minn din is-sentenza b'dawn aggravji:-

1. L-azzjoni proposta minnhom ma tinkwadrax ruhha fl-Artikolu 544 (e) tal-Kodici tal-Kummerc ghaliex il-kunsinna tal-merce effettivament gja saret u huwa sid il-vapur li qed jaghmel l-kawza biex jirkupra spejjez minnu inkorsi u relatati mal-hatt u taghbija tal-merkanzija minnu mwassla lis-socjeta` konvenuta;

2. Sussidjarjament, u f'kaz li din il-Qorti ma taqbelx ma' dak l-ewwel ilment taghha, l-istess Qorti ghandha tghaddi biex tezamina l-argoment l-iehor taghha illi l-azzjoni hi naxxenti minn kont kurrenti u ghal din ir-raguni lanqas ma japplika l-artikolu succitat tal-Kodici tal-Kummerc;

Hu utli li fl-ewwel lok jigi registrat x'intalab u ghal xhiex intalab. Jinsab premess fir-Rikors promotur illi t-talba ghall-hlas tas-somma fih ipprecizata tirrapprezenta bilanc ghall-prezz ta' servizzi ta' garr u servizzi ohra rezi lill-kumpanija konvenuta. Hu, imbaghad, spjegat mix-xhud Joseph Bugeja, ex-General Manager tas-Sea Malta Company Limited, illi s-socjeta` konvenuta kienet tixtri servizz ta' garr ta' merkanzija u li l-fatturi elenkati fid-dokument esebit (fol. 6) jirrapprezentaw l-ispejjez ta' dan il-garr. (Ara l-ewwel xhieda tieghu a fol. 14.) B'mod aktar dettaljat dan ix-xhud jissokta jispjega (fol. 46) illi l-ammonti ghal-liema jirreferu l-*invoices* esebiti mis-socjeta` konvenuta (fol. 18 sa fol. 44), jirrapprezentaw "*charges*" u cjoe, "cost tal-port workers, national insurance taghhom, l-overtime allowance tal-port workers, pension and contingency allowance, registration charge tal-port workers, shore foremen fees, l-NI tal-foremen, u l-agency fees". Izid jghid illi dawn l-ispejjez huma lkoll konessi ma' l-attivita` tal-hatt jew taghbija tal-merkanzija, u mhux mal-garr attwali. Finalment l-imsemmi xhud jeskludi illi l-ammont domandat kien jinkorpora fih "*charges*" ghall-"*freight*";

Kontra din l-azzjoni istitwita mill-atturi *nomine* s-socjeta` konvenuta eccepiet *inter alia* d-dekadenza taghha a norma ta' l-Artikolu 544 (e) tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi li l-azzjoni ghall-kunsinna ta' merkanzija taqa' bi preskrizzjoni ta' sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment. Fuq l-interpetazzjoni taghha kif rizultanti mir-risposta ta' l-appell, is-socjeta` konvenuta tissottometti dan li gej:-

1. L-artikolu *de quo* tal-ligi kummercjali ma jispecifikax x'tip ta' azzjoni hi inkwadrata fih u lanqas minn min ghandha ssir l-azzjoni. Hekk, targomenta illi din tista' ssir sija mill-ricevitur li jrid jiehu l-konsenja u sija mill-armatur tal-bastiment biex igieghel lir-ricevitur jircievi l-merkanzija;

2. Il-kunsinna tal-merkanzija ghal liema jirreferi l-predett artikolu jimplika spejjez li jigu inkorsi fil-process tal-kunsinna;

Issa minn dak ricerkat jidher li l-gurisprudenza taghna fuq din il-materja hi orjentata versu l-hsieb illi l-precitat provvediment tal-ligi "*colpisce ancora l'azione pel risarcimento di danni per difetto di consegna, perche` se non puo` essere chiesta la consegna non si puo` chiedere l'indennizzo per difetto della consegna medesima*" ("**Francesco Saverio Pace *et nomine* -vs- Giuseppe Naudi *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Marzu, 1917. Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet "**Administrative Secretary tal-Gvern -vs- Edward G. Gatt *nomine et***", Appell Inferjuri, 27 ta' Novembru, 1972. Danni dawn li presumibilment jikkomprendu "l-hlas tal-valur tal-merkanzija li kellha tigi konsenjata minn dak li kien inkarigat mit-trasport taghha ghax ma gietx minnu konsenjata". Dan in bazi ghall-principju illi "*pretium tenet locum rei*". Ara "**Derek J. Scanlan *nomine* -vs- Joseph Gasan *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 17 ta' Gunju, 1946;

Premess dan, huwa distingwibbli mill-azzjoni kif impostata u mill-ispjegazzjoni supplita mix-xhud Joseph Bugeja illi, bhala stat ta' fatt din ma ghandha ebda konnessjoni ma' talba ghall-kunsinna *ut sic* ta' merkanzija jew dik tal-valur taghha jew tad-danni rizarcitorji ghall-mankanza jew nuqqas ta' l-istess kunsinna. Hi invece azzjoni limitativa ghall-irkupru ta' l-ispejjez konnessi mal-karikar u l-iskarikar tal-merkanzija;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti mhux kull spiza jew pretiza, anke jekk assorbenti f'kuntratt ta' trasport, tinkwadra ruhha fl-ipotesi prevvista mill-Artikolu 544 (e) tal-Kapitolu 13, ghax apparti li l-provvediment hu wiehed specifiku u mhux generali l-istess ma jabbraccjax fih il-prestazzjonijiet varji tat-trasport jew ta' l-ispedizzjoni izda biss u unikament materja jew pretensjoni ko-involgenti "l-kunsinna tal-merkanzija". Huma ghaldaqstant eskluzi mill-portata ta' dak l-istess provvediment id-drittijiet ta' azzjoni li ma humiex bazati b'mod immedjat (sottolinejar tal-Qorti) ma' dik tal-kunsinna tal-merce ghaliex dan, dejjem fil-hsieb tal-Qorti, ma jikkomprendix kull kwestjoni kwalsiasi konnessa ma' l-operazzjonijiet accessorji u komplementari ghal servizzi kontenuti f'kuntratt ta' trasport; ad ezempju, dawk ta' l-imbark jew l-izbark tal-merkanzija;

Il-Qorti imbaghad tifhem illi mill-mod kif redatt, il-provvediment tal-ligi, bl-enfasi li jaghmel fuq il-"kunsinna tal-merkanzija" x'aktarx jirreferi ghad-dritt ta' azzjoni minn min hu d-destinatarju tal-merkanzija, naxxenti mill-istess kuntratt tal-garr, fil-konfront tal-vettural, u mhux ukoll mill-armatur tal-vapur kontra r-ricevitur kif hekk inhu suggerit mis-socejta` konvenuta appellata. Tant dan hu hekk illi t-terminu dekadenzjali ta' sena jibda jiddekorri mid-data tal-wasla tal-bastiment. Mod iehor, is-sentenzi fuq citati li kkomprendew il-hlas tal-valur jew tad-danni fin-nozzjoni tal-"kunsinna" ma kien ikollhom l-ebda skop guridiku;

Jinzel minn dawn il-konsiderazzjonijiet illi l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti appellanti b'dik it-talba u premessa mhix assorbenti f'dik tal-perentorjeta` ta' l-azzjoni ghal-liema jirreferi l-Artikolu 544 (e) tal-Kapitolu 13, u konsegwentement l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eccezzjoni relattiva opposta. Akkolt l-ewwel aggravju, mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fl-ezami tat-tieni lment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tat-terminu perentorju a norma ta' l-Artikolu

544 (e) tal-Kapitolu 13, u konsegwentement tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-definizzjoni u decizjoni tal-mertu tat-talba ta' l-atturi *nomine* u ta' l-eccezzjoni ghaliha. L-ispejjez tal-prezenti appell u dawk ta' l-ewwel istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------